# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 504/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Jurgen Vella**

**vs**

**Igino Grech**

Illum, 30 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imsemmi Igino Grech detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 501364M talli:

1. Nhar it-Tnejn 16 ta' Gunju, 2014, ghall-habta tal-14:15hrs u fi snin ta' qabel, fil-fond 43, L-Gharix, Triq Ant. Schembri, San Gwann, zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, (A.L. 79 tal-2006), kontra d-dispozizzjonijiet meta dak l-ghasfur ma kienx gie ddikjarat u registrat mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju, 2003 u minghajr ma inghata il-

permessi, jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

2. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dan l-ghasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju, 2004 u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, LS 504.71.

3. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bbalzma jew immonta xi ghasfur jew ghamilha ta' balzmatur, kemm ghal skopijiet kummercjali, kemm ghal xi skop personali, jew kellu ghodda, kimici jew apparat iehor li jintuza jew li normalment jintuza ghall-ibbalzmar, minghajr licenzja mahruga mit-taqsima tar-regolamentazzjoni tal-ghasafar selvaggi u dan bi ksur tar-Regolament 21(1) tas-SL 504.71.

4. Naqas milli jzomm registru li fih jindika b'mod car, id-data tar-registrazzjoni, is-sid ta' kull ghasfur jew ghasafar, l-indirizz, it-tip tal-ispeci tal-ghasfur jew ghasafar li ghandhom jigu bbalzmati u dawn id-dettalji kollha kontrasensjati mis-sid innifsu u dan bi ksur ta' regolament 21(3) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ibbalzma jew immonta lil xi ghasfur hlief dawk li huma inkluzi fl-iskeda II u III tar-regolamenti ta' 2006 dwar il-Konservazzjoni tal-ghasafar Selvaggi u dan bi ksur tar-Regolament 21(2) tas-SL 504.71.

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu xi

ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-iskeda III, li ma kienux gew registrati mas-sezzjoni fiz-zmien stipulat u dan bi ksur ta' Reg. 21(5) tal-A.L. 79 tal-2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71.

Il-Qorti kienet mitluba li barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat kif ukoll illi barra li tghati l-piena taht ir-regolament 49(2) tal-AL 311/2006 hekk kif emendat tordna l-konfiska tal-Corpus Delicti u bis-sahha tar-regolament 49(7) tordna l-iskwalifika fiz-zamma jew l-akkwist ta' xi licenzja, permess jew awtorita', mahruga taht l-istess regolamenti ghal zmien mhux inqas minn sena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' Novembru, 2014, li biha wara li rat ir-regolamenti 4(1)(e), 4(1)(f), 21(3), 21(5) tal-AL 79 tal-2006 u regolamenti 21(1) u 21(2) tas-SL 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u kkundannatu multa ta' elfejn u hames mitt ewro (€2500), ordnat il-konfiska tal-esebit, kif ukoll ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca tal-appellant ghal tlett (3) snin ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-AL 79.2006, SL 504.71;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Igino Grech, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Dicembru, 2014, li permezz tieghu talab **ir-riforma u modifika** tas-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonsidra assorbiti t-tieni (2) akkuza fl-ewwel (1) wahda u r-raba' sas-sitt (4-6) akkuza fit-tielet (3) tnaqqas il-piena nflitta in kwantu tiddikjara lil appellant hati tat-tieni (2) u

t-tielet (3) akkuza kif dedotti u tilliberah mit-tieni (2), raba' (4), hames (5) u s-sitt (6) akkuza billi tilqa' l-aggravji kif aktar il-fuq esposti u tinfliggi piena li tirrifletti ahjar il-ksur tal-ligi kommess u dan taht dawk id-direttivi li jidrilha xierqa u opportuni;

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b'appell xi ftit jew wisq konfuz u kontradittorju ghaliex filwaqt illi t-talba hija ghar-riforma tas-sentenza appellata msejsa inizzjalment fuq rikjesta sabiex ikun hemm assorbiment fl-imputazzjoni numru 2 fl-ewwel wahda u dawk numru 4 sa 6 fit-tielet imputazzjoni, l-appellant talab tnaqqis fil-piena erogata "**in kwantu tiddikjara lil appellant <u>hati tat-tieni (2) u tielet (3)</u> akkuza kif dedotti u <u>tilliberah mit-tieni (2)</u>, raba' (4), hames (5) u sitt (6) akkuza**". Fis-sottomissjonijiet orali tieghu, l-avukat difensur tal-appellant, mhux dak li ffirma r-rikors tal-appell, jghid illi dak li qed jistenna l-appellant huwa mitigazzjoni fil-piena wara li uhud mill-imputazzjonijiet ikunu assorbiti f'ohrajn;

2. L-appellant kien rinfaccjat b'sitt imputazzjonijiet wara li kien intercettat b'ammont ta' ghasafar mejta gewwa friza u ohrajn ibbalzmati kif ukoll apparat uzat f'tali prattika. L-ewwel Qorti kienet sabet htija f'kull wahda mill-imputazzjonijiet u erogat piena wahda kumulattiva ta' multa ta' €2500 kif ukoll s-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca. L-ewwel

Qorti ma ndikatx l-artikolu 17(f) tal-Kodici Kriminali u anqas applikat l-istess meta kkominat il-piena. Dan hu evidenti mill-fatt illi f'dak il-kaz l-appellant kien ikun soggett ghal-piena tar-reat l-aktar gravi biz-zieda ta' nofs kull wahda mill-multi l-ohra. Minflok, ghazlet illi timponi multa wahda ghar-reati kollha li dwarhom instab hati;

3. L-appellant m'ghandux ragun meta jghid illi t-tieni u t-tielet imputazzjoni kellhom ikunu assorbiti fl-ewwel wahda. Hawnhekk qed jirreferi ghall-principju tal-*concursus delictorum* li l-gurisprudenza tal-Qrati taghna tirrikonoxxi ghad illi ma huwiex inkorporat fil-korp tal-ligijiet tal-pajjiz u dan a differenza tal-konkors materjali kif ravvizat fl-artikolu 17 tal-Kapitolu 9. Issa, sabiex japplika l-principju tal-assorbiment jehtieg li jkun hemm fatt wiehed li minnu johorgu zewg reati u aktar u li bejniethom tezisti gradwatorja fil-piena sabiex ikun ezaminat liema minnhom huwa l-aktar gravi. L-appellant kien instab hati li kellu fil-friza ghasafar protetti minghajr permess; li kellu tajr protett bi ksur ta' regolament u li ghamilha ta' balzmatur minghajr licenzja mill-awtoritajiet, u dan kif rifless fl-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjoni rispettivament. Reati dawn lkoll indipendenti minn xulxin anke ghaliex fil-pussess tal-appellant instabu mhux biss ghasafar protetti gia ibbalzmati izda ukoll ghasafar ohra mejta protetti mil-ligi u stivati gewwa friza;

4. Kwantu r-raba' sas-sitt imputazzjoni, l-appellant jargumenta illi japplika l-istess principju u la darba kien imputat li bbalzma jew immonta xi ghasfur jew li zamm xi ghodda relatata minghajr ma kien licenzjat biex jaghmel hekk, allura huwa ovvju li ma kellux registru jew li l-ghasafar ma kienx permess li jinqabdu jew jinzammu. Anke hawn, l-argument tal-appellant huwa destinat li jfalli ukoll ghaliex filwaqt illi l-hames imputazzjoni tirreferi ghall-ghasafar ibbalzmati inkluzi fl-Iskeda II u III, l-imputazzjoni tirreferi ghall-ghasafar mhux inkluzi fl-Iskeda III li ghalhekk tirreferi ghar-reat ukoll divers minn dak ta' qablu. Lanqas ghalhekk ma

jista' jinghad, *gratia argomenti,* illi s-sitt imputazzjoni hija kompriza u involuta fil-hames wahda. Dak li tista' tikkoncedi l-Qorti huwa biss dwar ir-raba' imputazzjoni igifieri n-nuqqas ta' zamma ta' registru ta' ghasafar ibbalzmati fl-istess waqt li instab fil-pussess tal-istess ghasafar f'dan l-istat;

5. Kwantu l-piena, l-appellant kien soggett ghall-imposizzjoni ta' multa ta'mhux anqas minn hames mitt euro (€500) u mhux aktar minn elfejn u hames mitt euro (€2500) dwar kull imputazzjoni, oltre konfiska tal-*corpus delicti* u sospensjoni tal-licenzja tal-kacca minn sentejn sa hames snin f'kaz li kien qed jinstab hati ghall-ewwel darba. U fil-kaz tat-tieni darba, multa ta' mhux anqas minn €1000 u mhux aktar minn €5,000, konfiska u sospensjoni perpetwa tal-licenzja tal-kacca. Issa meta l-ewwel Qorti applikat sanzjoni tal-multa wahda ta' €2500 ifisser, tajjeb jew hazin, li jew qieset ir-reati kollha assorbiti f'wiehed (konkors formali jew ideali) jew li kienu iservu bhala mezz ghall-fini fit-termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9 (konkors materjali). Ifisser ukoll illi l-ewwel Qorti trattat mal-appellant bhala hati ghall-ewwel darba meta il-fedina penali tieghu turi mod iehor. Dwar dan izda ma hemmx appell mill-Avukat Generali u ghalhekk, din il-multa titqies li kienet fil-parametri tal-ligi u ma hemm xejn x'jiddimostra li din il-Qorti ghandha b'xi mod tissostitwixxi id-diskrezzjoni ezercitata minn dik tal-ewwel grad;

6. Ghal dawn il-motivi tiddisponi minn dan l-appell billi tilqghu in parti billi tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara ir-raba' imputazzjoni assorbita fil-hames wahda u tikkonfermaha fil-bqija. Is-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca ghal-perjodu ta' tlett snin jibda jiddekorri mil-lum.